**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 754/2015**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Stephen Inguanez**

Illum, 29 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Stephen Inguanez, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 229069(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-5 ta' Frar 2011 u fil-jiem ta' qabel u wara, fl-Imġarr, Triq Sir Temi Zammit:

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar minn ħames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-dannu tal-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited, u/jew persuni/kumpaniji oħra;
2. U aktar talli, f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq, bi ħsara għall-ħaddieħor, għamel xi qligħ ieħor b'qerq għad-dannu ta' diversi persuni u/jew kumpanija ta' assikurazzjoni;
3. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

4. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq bil-ħsieb li jikseb għalih innifsu jew għall-ħaddieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji jew xi qligh ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġa, xerred ' hawn u 'l hinn, jew għarraq b'xi mezz li jkun, ħwejjeġ tiegħu;
5. U finalment talli rrenda ruħu reċediv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Malta, Maġistrat Dr Giovanni Grixti LL.D, mogħtija lilu nhar is-27 ta' Novembru 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Novembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 188(2), 295, 308, 309, 310(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Stephen Inguanez mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u illiberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fit-30 ta' Mejju 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat Stephen Inguanez ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tinfliġġi piena skond il-liġi.

Rat l-aggravji imressqa mill-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aggravju uniku vventilat minnu, l-Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u b'hekk waslet sabiex erronjament illiberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. L-Avukat Ġenerali jisħaq li l-Ewwel Qorti errat meta ma tatx affidament lix-xhud Aaron Grech li xehed dwar l-involviment tal-appellat f'dan il-każ, liema xiehda kienet biżżejjed sabiex jintlaħaq il-grad tal-prova meħtieġ mill-Prosekuzzjoni għalbiex tiġi ppruvata l-ħtija.

Illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Illi sabiex tagħmel dan l-eżerċizzju l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, senjatament ix-xiehda tax-xhud Aaron Grech, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi l-appellat jinsab mixli b'reati marbuta ma' '*insurance fraud*' liema reati kienu imsejsa fuq ftehim li allegatament sar bejn l-appellat u ċertu Aaron Grech sabiex jiġi iffabbrikat inċident stradali, liema pjan inġieb fis-seħħ nhar il-5 ta' Frar 2011, u dan bl-intendiment li jinkiseb vantaġġ pekunjarju permezz ta' ħlas ta' danni subiti għad-detriment tas-soċjeta' tal-assikurazzjoni *Elmo Insurance*. Illi l-unika prova li hemm fl-atti li tipponta fid-direzzjoni tal-appellat bħala waħda mill-persuni involuti fil-kummissjoni ta' dan ir-reat, hija x-xhieda ta' Aaron Grech li jimplika lill-appellat bħala l-persuna li ftiehem miegħu sabiex jiġi ipperpetrat dan il-frodi. L-appellat minn naħa tiegħu, li għażel li jirrinunzja għad-dritt tas-silenzju meta ħa il-pedana tax-xhieda, jiċħad l-involviment tiegħu f'din l-allegata konġura kriminali u jibqa' jafferma illi huwa ma kienx jaf lil Aaron Grech. Illi allura f'dan il-kwadru probatorju l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'kunflitt fiż-żewġ verżonijiet mogħtija mill-atturi ewlenin ta' din il-viċenda kriminali.

Illi l-Qorti innotat, ukoll, illi minn eżami tal-atti jirriżulta illi Aaron Grech xehed darbtejn quddiem l-Ewwel Qorti, darba nhar id-29 t'Ottubru 2020 u t-tieni darba

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

nhar il-5 ta' Frar 2021, u dana għaliex l-ewwel xhieda tiegħu jidher li ma ġietx irreġistrata. Mill-verbal tad-29 t'Ottubru 2020, u ċioe' matul l-ewwel deposizzjoni tax-xhud, jirriżulta ukoll li "**il-Prosekuzzjoni f'dan l-istadju qed tiddikjara lix-xhud Aaron Grech bħala xhud ostili ...**". Dan ifisser illi x-xhud ma kienx qed jikkopera fit-tweġibiet li kien qed jagħti għal mistoqsijiet tal-Prosekuzzjoni, tant li l-Prosekuzzjoni ħasset il-ħtieġa li tiddikjarah xhud ostili. Fix-xhieda tiegħu, l-appellat jagħmel aċċenn għal dan il-fatt meta jistqarr illi Aaron Grech, fl-ewwel verżjoni tiegħu tal-fatti, iddikjara li ma kienx jafu, mbagħad kien biddel il-verzjoni tiegħu meta reġa' xehed it-tieni darba. *In oltre,* anke fis-sottomissjonijiet finali tad-difiza, din id-diverġenza f'dawn iż-żewġ verżjonijiet kienet issenjalata. Dwar dan il-punt, l-Avukat Ġenerali jistrieħ fuq il-prinċipju ta' dritt "*quod non est in acti non est in mundo*" u li għall-finijiet ta' prova, tgħodd biss dik ix-xiehda li ġiet irreġistrata u traskritta, u li għalhekk tinsab inserita fl-atti. Illi is-sentenza appellata għalkemm tagħmel referenza għal dawn il-fatti probatorji, minn qari ta'l-istess jidher illi l-Ewwel Qorti, fl-apprezzament tagħha dwar il-fatti, straħet unikament fuq ix-xiehda mogħtija minn Aaron Grech fis-seduta tal-05 ta' Frar 2021 u kienet tal-fehma illi din ix-xiehda kienet waħda wisq xotta u fjakka sabiex ikun ippruvat l-involviment tal-appellat fil-kummissjoni ta' dan l-att frawdolenti.

Issa sabiex l-appellat seta' jkun misjub ħati mill-Ewwel Qorti bħala ko-awtur f'dawn id-delitti lilu addebitati jrid jirriżulta sodisfaċentement ppruvat mill-Prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-parteċipazzjoni materjali tiegħu ma'l-eżekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat iżda u fuq kollox illi huwa ippresta il-ko-operazzjoni diretta u essenzjali għall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi irid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn dawn it-tnejn minn nies ai fini li jiġi kommess il-frodi mertu tal-każ. Mankanti dina l-intenzjoni u cioe' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar, allura ma jistax jingħad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tieħu l-ħajja. Kwindi kellu jkun ippruvat sal-grad taċ-ċertezza morali illi "**bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb**

**komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt**.[2]"

Dak allura illi irid joħroġ mill-atti probatorji mhuwiex daqstant li seħħ l-att materjal li jindika il-presenza fiżika ta'l-imputat fuq il-post tad-delitt għaliex dan l-element waħdu ma jistax jistabbilixxi r-reita', iżda ukoll irid jirriżulta illi huwa ikun ħa sehem attiv fil-kummissjoni tar-reat, u ukoll illi kien hemm 'l hekk imsejjah "*common design*" bejn l-appellat u Aaron Grech, u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi kif ingħad, ix-xiehda ta' Aaron Grech mogħtija fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020 fejn huwa kien iddikjarat bħala xhud ostili mill-Prosekuzzjoni, ma kenitx irreġistrata sabiex ix-xhud kellu jiddeponi mill-ġdid. Madanakollu mill-verbal ta' dik is-seduta jirriżulta illi wara li x-xhud kien dikjarat bħala ostili, il-Prosekuzzjoni qratlu l-istqarrija li kienet ġiet minnu mogħtija lill-investigaturi. Din l-istqarrija għal xi raġuni jew oħra ukoll ma ġietx eżebita in atti, kif kellha dmir li tagħmel il-Prosekuzzjoni ġaldarba din inqrat lix-xhud, u dan sabiex il-Qorti setgħet teżerċita kontroll fuq dak li qed jingħad. Lanqas ma jirriżulta allura jekk ix-xhud kienx ikkonferma din l-istqarrija minnu rilaxxata o meno, u dan wara li allegatament kien iddikjara li ma kienx jaf lill-appellat. Illi mbagħad meta xehed għat-tieni darba fil-05 ta' Frar 2011 ma jidhirx illi din l-istqarrija reġgħet ġiet moqrija lix-xhud. *In oltre*, ix-xhud kien xott għall-aħħar meta ġie biex jagħti dettalji fuq il-ftehim li allegatament għamlu hu u l-appellat. Jiddikjara sempliċement b'referenza għall-inċident stradali, "*dik kienet ippjanatha ... bejni u bejn Stephen Inguanez*". Ikompli igħid illi Inguanez għaddielu s-somma ta' ħames mitt ewro, liema fatt għalkemm ammess minn Inguanez, dan ta'l-aħħar igħid li l-ammont kien ta' bejn €150 u €200, u jikkontendi illi dawn il-flus kien talabhomlu Grech sabiex ikun jista' jħallas il-*claim* mal-assikurazzjoni. Inguanez jikkontendi illi huwa iddeċieda igħaddielu dawn il-flus għaliex beża' li altrimenti l-assikurazzjoni ma kenitx tkoprieh għal ħsara li kellu fil-vann tiegħu, u dan wara li Grech kien stqarr miegħu li ma kellux flus biex jagħmel il-*claim*. Issa għalkemm din l-affermazzjoni tista' tidher bħala waħda inverosimili,

---

[2] App.Krim 24/05/2002 Il-Pulizija vs Carmelo Agius et.

billi mix-xiehda tar-rappreżentant ta'l-assikurazzjoni Jeffrey Crockford jidher illi Grech ma kienx mitlub iħallas ebda flus sabiex jagħmel il-*claim,* madanakollu waħedha ma hijiex prova b'saħħitha biżżejjed sabiex tindika illi kien hemm xi ftehim pre-ordinat bejn l-appellat u Grech, u li allura l-appellat kien konsapevoli ta' dan il-fatt.

Illi fuq kollox l-Ewwel Qorti, kuntrarjament għal din il-Qorti, kellha x-xorti tisma' x-xhieda jixhdu *viva voce* quddiemha u għalhekk fl-apprezzament minnha magħmul hija setgħet tapplika id-direzzjoni mogħtija fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

> ***... id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.***

Illi, ukoll, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha, kemm favur u kemm kontra, u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad tal-konvinċiment morali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xhieda ssir biżżejjed sabiex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

Illi minn naħa tiegħu l-appellat fix-xiehda tiegħu jinsisti illi huwa qatt ma kien komparteċipi fil-kummissjoni tal-frodi pperpetrat minn Grech. Iressaq xhieda, fosthom Joseph Micallef u George Vella li jindikaw illi huwa kellu jissellef vann ieħor sabiex ilaħħaq max-xogħol li kellu u spiċċa finalment kellu jbiegħ l-vann involut fil-kollizzjoni, għalkemm ma jidhirx illi l-appellat sofra xi telf finanzjarju fil-proċess.

Illi allura għalkemm huwa minnu illi ċ-ċirkostanzi li sawwru din il-viċenda kriminali huma suspettużi billi ma hux ċar il-mottiv li wassal lill-appellat iħallas lil Grech ammont ta' flus allegatament biex issir *claim*, liema ammont ma jidhirx li kien

dovut, abbinat mal-fatt illi l-appellat ma sofra ebda ħsara finanzjarja fil-proċess, madanakollu dawn il-provi għalkemm jindikaw fuq bażi tal-probabbli li l-appellat seta' kellu xi involviment f'din il-konġura kriminali, madanakollu dan il-piż ta' prova ma huwiex biżżejjed għal sejbien ta' ħtija u dan fid-dawl tal-verżjonijiet konfliġġenti moghtija miż-żewġ protagonisti f'dan il-każ, u n-nuqqas ta' provi oħra li jikkorroborraw il-verżjoni tax-xhud Aaron Grech sabiex b'hekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma wisq fjakki u ma jilħqux l-livell ta' prova minnha mistenni. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta meta għaddiet sabiex tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

Għaldaqstant, l-appell imressaq mill-Avukat Ġenerali qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**